MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 3238/1996/1

**Joe Agius, Antonia Cutajar, Joseph u Angele konjugi Cremona, Francis Micallef u Alex Cilia.**

**vs.**

**The Qormi Construction Co Ltd, Easysell Caterers Limited, Easysell Properties Limited, il-Perit Michael Attard u l-Perit Raymond Demicoli, u b'digriet tat-25 ta' Mejju 1998 gew kjamati fil-kawza is-socjetajiet Ballut Blocks Ltd u Structural Builders Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Novembru 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco fejn gie premess:-

Illi l-attur Joe Agius huwa propjetarju tal-appartament internament numerat bin-numru 3 fil-korp tal-appartamenti maghruf bhala “Escurial *Flats*” fi Triq l-Ibhra, Bugibba.

Illi l-attrici Antonia Cutajar hija propjetarja tal-appartament internament numerat bin-numru 1 fil-korp tal-appartamenti fuq imsemmi maghruf bhala “Escurial *Flats*” fi Triq l-Ibhra, Bugibba.

Illi l-atturi Joseph u Angele konjugi Cremona huma propjetarji tal-appartament internament numerat bin-numru 2 fil-korp tal-appartamenti fuq imsemmi maghruf bhala “Escurial *Flats*” fi Triq l-Ibhra, Bugibba.

Illi l-attur Francis Micallef huwa propjetarju tal-appartament internament numerat bin-numru 4 fil-korp tal-appartamenti fuq imsemmi maghruf bhala “Escurial *Flats*” fi Triq l-Ibhra, Bugibba.

Illi l-attur Alex Cilia huwa propjetarju tal-appartamenti internament numerati bin-numri 5 u 6 fil-korp tal-appartamenti fuq imsemmi maghruf bhala “Escurial *Flats*” fi Triq l-Ibhra, Bugibba.

Illi il-konvenuti jew min minnhom ricentement taht id-direzzjoni tal-konvenut Perit Raymond Demicoli waqqghu il-fond kontigwu mal-korp ta’ appartamenti fuq imsemmi maghruf bhala Escurial *Flats* u bhala konsegwneza ta’ dan il-korp ta’ appartamenti “Escurial *Flats*” u l-appartamenti appartenenti lill-atturi sofrew hsarat u jistghu isofri danni ulterjuri *oltre* li jistghu jiggarrfu (Dok “A”).

Illi l-fond imwaqqa’ konfinanti mal-korp ta’ appartamenti maghruf bhala “Escurial *Flats*” jappartjenti lil Easysell Properties Limited.

Illi l-imsemmi korp ta’ appartamenti maghruf bhala “Escurial *Flats*” kien inbena mis-socjeta’ konvenuta Easysell Properties Limited taht is-supervizjoni tal-konvenut il-Perit Michael Attard, liema socjeta` kienet eventwalment bieghet l-imsemmija appartamenti lill-atturi.

Illi l-imsemmi korp ta’ appartamenti maghruf bhala “Escurial *Flats*” inbena b’tali mod illi jekk il-fond kontigwu tieghu jitwaqqa’ jew jitnehha huwa jsofri hsara, kif fil-fatt qed jigri, u ta’ dan huwa responsabbli wkoll il-konvenuti Easysell Properties Limited u l-Perit Michael Attard, u l-Perit Raymond Demicoli u l-kuntratturi li qed jaghmlu x-xoghlijiet.

Illi ghad-danni konsegwenzjali li l-atturi qed u sejrin isofru huma responsabbli il-konvenuti flimkien *in solidum* bejniethom jew min minnhom.

Illi l-atturi ghandhom interess illi l-proprjeta` taghhom ma tibqax issofri hsara tort tal-konvenuti u li jsiru xoghlijiet fil-proprjeta` tal-konvenuti ghal dan il-premessi.

Illi ghalhekk l-istess atturi tlabu lill-konvenuta jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma *in solidum* bejniethom jew min minhom responsabbli ghall-hsarat li qed jigu kagunati lill-appartamenti appartenenti lill-attur sitwati fil-korp ta’ appartamenti maghruf bhala Escurial *Flats*, Triq l-Ibhra, Bugibba u lill-istess korp kif ukoll ghad-danni li l-atturi bhala propjetarji tal-appartamenti rispettivi taghhom ged isofru u sejrin isofru wara li beda jsir it-twaqqigh tal-fond konfinanti mal-korp ta’ appartamenti maghruf bhala “Escurial’ *Flats*”.

2. Tillikwida d-danni illi kull attur sofra u sejjer isofri.

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom jew min minnhom ihallsu lil kull attur dik is-somma illi tigi likwidata minn din l-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenutu soldalment bejniethom jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li din l-Qorti tiffissa a spejjez taghhom jaghmlu dawk ix-xoghlijiet fil-proprjeta` tal-istess konvenuti jew min minnhom li din l-Qorti jidhrilha mehtiega sabiex il-

proprjeta` tal-atturi ma tibqax issofri hsara u tigi rimedjata l-hasra li l-istess proprjeta` tal-atturi sofriet.

Bl-imghax skont il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest tad-9 ta’ Ottubru 1996.

Il-konvenuti huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 6 sa 11 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti diversament presjeduta ghas-seduta tal-10 ta’ Lulju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Perit Michael Attard datata ta’ 2 Lulju 1997 a fol. 15a tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li bl-ebda mod ma ghamel xi xoghlijiet fil-proprjeta’ in kwistjoni, u m’ghandu x’jaqsam xejn max-xoghlijiet ta’ twaqqigh illi saru.

(3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit; iz-zewg korpi ta’ bini in kwistjoni inbnew skont is-sengha u l-arti u ilhom mibnijin ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena jew izjed.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut il-Perit Michael Attard fol. 16 u tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Perit Raymond Demicoli datata 3 ta’ Lulju 1997 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li bl-ebda mod ma gew ikkagunati xi hsarat jew danni bit-twettiq tax-xoghlijiet ta’ twaqqiegh tal-proprjeta` kontigwa ma’ dik tal-attur.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut il-Perit Raymond Demicoli a fol. 18 sa 20 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` The Qormi Construction Co. Ltd. datata 4 ta’ Lulju 1997 a fol. 22 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament l-eccipjenti m’hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti bl-ebda mod ma ghamel xi xoghlijiet fil-proprjeta’ kontigwa ma’ dik tal-atturi jew b’ xi mod iehor ikkagunat hsarat jew danni fl-istess.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta The Qormi Constructions Co Ltd il-Perit Raymond Demicoli a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Easysell Caterers Ltd. datata 20 ta’ Ottubru 1997 a fol. 28 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament l-eccipjenti m’hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti bl-ebda mod ma ghamel xi xoghlijiet fil-proprjeta' kontigwa ma' dik tal-atturi jew b' xi mod iehor ikkagunat hsarat jew danni fl-istess.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta Easysells Cateres Ltd a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Easysell Properties Ltd datata 20 ta' Ottubru 1997 a fol. 31 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament l-eccipjenti m'hijiex il-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-eccipjenti bl-ebda mod ma ghamel xi xoghlijiet fil-proprjeta' kontigwa ma' dik tal-atturi jew b' xi mod iehor ikkagunat hsarat jew danni fl-istess.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta Easysells Properties Ltd a fol 32 u 33 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Ottubru 1997 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Qormi Construction Co Ltd datata 16 ta' April 1998 a fol 39 tal-process fejn talbet il-kjamat in

kawza tas-socjetajiet Ballut Blocks Ltd u Structural Builders Ltd bhala konvenuti f'din il-kawza; u l-Qorti kif diversmaent presjeduta laqghet it-talba b'digriet datat 25 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` kjamata fil-kawza Ballut Blocks Limited datata 26 ta' April 1999 a fol. 45 tal-process fejn ecceppiet:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ghall-finijiet tal-**artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** kwantu diretta kontra s-socjeta` eccipjenti.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, hija mhix il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici billi qatt m'ghamlet xoghlijiet ta' twaqqigh jew demolizzjoni tal-bini msemmi mil-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra minn sejhilha fil-kawza.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, kull xoghol maghmul mis-socjeta` eccipjenti wara t-twaqqigh tal-bini sar skont is-sengha, b'harsien shih tal-ligijiet u regolamenti tal-bini u taht id-direzzjoni tal-periti inkarigati mix-xoghol.

4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` kjamata fil-kawza Ballut Blocks Limited a fol 46 u 47 tal-process.

Rat li s-socjeta' kjamata fil-kawza ghalkemm debitament notifikata baqghet kontumaci ghaliex ma resqitx eccezzjonijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fil-21 ta' Marzu 2001 il-Qorti nnominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jirelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta' Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2005 il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat in-nota tal-attur Francis Micallef (ID 374552M) datata 16 ta' Jannar 2006 a fol 112 tal-process li biha irtira u ceda is-sehem tieghu f' din ic-citazzjoni *stante* transazzjoni bejnu u l-konvenuti *proprio et nomine*.

Rat in-nota ta' Dr. Antoine Naudi datata 20 ta' Lulju 2007 a fol 405 tal-process li biha rrinunzja ghall-patrocinju tal-atturi f'din il-kawza.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Tekniku Valerio Schembri bix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati, flimkien mar-rapport ipprezentat fir-registru fid-19 ta' Frar 2008 u mahluf fis-seduta tat-3 ta' Frar 2009, liema rapport peritali jinsab esebiti a fol. 418 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota ta' Dr. Antonio M. Tufigno datata 9 ta' Gunju 2009 a fol 493 tal-process li permezz taghha assuma l-patrocinju tal-atturi Joe Agius, Antonio Cutajar u Alex Clila.

Rat in-nota tal-atturi Joe Agius, Antonio Cutajar u Alex Clila datata 10 ta' Lulju 2009 a fol. 488 li biha pprezentaw domandi in eskussjoni lill-Perit Tekniku Valerio Schembri.

Rat in-nota tal-Perit Tekniku Valerio Schembri datata 10 ta' Novembru a fol. 496 li biha rrisponda ghad-domandi in eskussjoni tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Joe Agius, Antonio Cutajar u Alex Clila datata 5 ta' April 2010 a fol. 503 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut il-Perit Raymond Demicoli ghan-nota responsiva tal-atturi datata 10 ta' Mejju 2010 a fol. 522 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` kjamata fil-kawza Ballut Blocks Limited datata 24 ta’ Mejju 2010 a fol. 527 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjetajiet The Qormi Construction Co. Ltd (C 5277), Easysell Cateres Limited (C5000) u Easysell Properties Limited (C2720) datata 14 ta’ Jannar 2010 a fol. 530 tal-process.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ The Qormi Construction Co. Ltd (C 5277), Easysell Cateres Limited (C5000) u Easysell Properties Limited (C2720) datata 1 ta’ Jannar 2010 a fol 536 tal-process fejn eccepiet li t-talbiet attrici ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni huma preskritti a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u dan kif jirrizulta mill-provi tal-kawza. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenut il-Perit Raymond Demicoli datata 8 ta’ Jannar 2010 a fol 538 tal-process fejn eccepixxa li t-talbiet attrici ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni huma preskritti a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u dan kif jirrizulta mill-provi tal-kawza. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tas-socjetajiet konvenuti The Qormi Construction Co. Ltd; Easysell Caterers Limited; u Easysell Properties Ltd datata 9 ta’ Lulju 2010 a fol. 547 tal-process fejn eccepew li t-talbiet attrici ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni huma preskritti a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u dan kif jirrizulta mill-provi tal-kawza. Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fid-9 ta’ Novembru 2010 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antonio Tufigni ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghat-30 ta’ Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza l-atturi bhala proprjetarji rispettivi ta' *flats* numru 1 sa 6 fil-korp ta' *flats* "Escurial *Flats*, Triq l-Ibhra, Bugibba, (apparti Francis Micallef proprjetarju ta' *flat* 5 li ceda l-kawza tieghu b'nota datata 16 ta' Jannar 2006 (fol. 112) qed jitolbu li jithallsu tad-danni li sofrew fl-istess korp ta' *flats* minhabba allegati hsarat li gew ikkawzati mill-konvenuti u l-kjamati fil-kawza fil-kors ta' twaqqiegh ta' proprjeta' tas-socjeta' Easysell Properties Limited kontigwa ghall-istess block ta' *flats*, u anke peress li l-istess atturi li l-korp ta' *flats* illum proprjeta' taghhom kien inbena mill-istess socjeta' Easysell Properties Limited, u bil-mod kif inbena kien tali li jekk jitwaqqa` jew jitnehha l-fond kontingwu, l-proprjeta' taghhom issofri hsara u ta' din hija responsabbli l-istess socjeta' Easysell Properties Limited u l-Perit Michael Attard u Raymond Demicoli u l-kuntratturi li ghamlu x-xogholijiet, u ghalhekk qed jitolbu li l-konvenuti (u l-kjamati in kawza) jigu ddikjarati responsabbli ghall-hsara kkawzata fl-istess appartamenti taghhom u l-korp ta' *flats* konsegwenti ghat-twaqqiegh tal-fond konfinanti mal-istess korp ta' bini proprjeta' ta' Easysell Properties Limited, u li l-istess jigu kkundannati jhallsu d-danni li jigu likwidati.

Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tal-esponent u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post, jidher illi:

1. Fir-rigward tas-socjeta kjamata in kawza Structural Builders Ltd., skond ma xehed il-Perit Ray Demicoli li kien inkarigat mill-bini ta' l-Oriana Hotel, din is-socejta ma jidhirx li hadmet fuq il-bini tal-istess lukanda. Ma jirrizultaw l-ebda provi ohrajn dwar l-involviment o

meno tal-istess socjeta` kjamata in kawza, kemm fi kwalunkwe xogholijiet li saru fuq is-sit ta’ l-Oriana Hotel u lanqas fit-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial propjeta ta’ l-atturi.

Illi jirrizulta li l-bini tal-atturi kien sar fis-sena 1981 u t-thammil fil-plot adjacenti sabiex issir hotel kien beda fl-1994 fejn kienu nizzlu fond ta’ tlett sulari, u skond ir-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi datat 14 ta’ Gunju 2001 (Dok. RMA 01) kienu bdew jidhru konsenturi fil-bini, u jidher li regghet saret spezzjoni vicin id-data tar-rapport u gie konstatat li kien hemm konsenturi fil-*ground floor*, u fit-turgien, u *first floor to second floor,* u fi *flat* 3 (fol. 160 u 161) kollox kif indikat fl-istess rapport fejn qed isostni li kien hemm moviment tal-bini ghan-naha tax-xellug minn naha tal-lemin u dan huwa konsistenti *“with the settlement of foundations of the left hand side due to the weaking of the bearing-layer. This has been caused by the deep excavations near this wall during the construction of the Hotel”* u l-istess konsenturi gew indikati fir-ritratti esebiti bhala Dok. “RMA 02’ sa Dok. “RMA 16”. Dan ikkonfermah l-istess perit fix-xhieda tieghu a fol. 172 tal-process fejn jghid li huwa osserva xi moviment fil-bini u cjoe’ bini kien qed jinqata’ barra minn naha ta’ l-appogg ta’ fuq in-naha tal-lemin hekk kif wiehed ihares lejn il-faccata tal-bini, u aktar ma wiehed jitla l-fuq dan il-moviment kien aktar qed jizdied. L-aktar li l-hsarat evidenti kienu evidenti kien fit-tarag li kien ingibed il-barra b’dan li hareg l-ingall tieghu. Jghid li kien hemm bini fuq in-naha tax-xellug, li sar it-twaqqieh tieghu, izda dan il-bini ma jmissx ezatt mal-blokka tal-atturi izda mieghu hemm bini ta’ tlett sulari u huwa assuma li dan il-qsim *“li l-blokka ta’ l-atturi kienet nizlet “bodily’ lejn in-naha tat-tqattiegh…Ma ninsabx informat x’tip ta’ pedamenti ghandha l-blokka tal-klijenti tieghi u lanqas dik ta’ magemba”* (fol. 173). Fis-seduta a fol. 177 jghid li huwa kien spezzjona l-bini ftit qabel l-ewwel rapport fil-21 ta’ Novembru 1994, u *“dan wara li x-xogholijiet ta’ thaffir kienu nbdew u ma nafx l-istat tal-bini qabel ma accedejt jien kif kien. Meta ghamilt referenza ghas-settlement nghid li jien ikkumentajt fuq ix-xejra tas-settlement u mhux fuq is-substrate ghax dan ma jistax*

*inkun naf x'kien. Jiena qatt ma accedejt fil-garage ta' biswit l-intrata tal-fond ta' l-atturi. La fl-ewwel rapport u lanqas fit-tieni u ma ma nafx kienux saru xi xogholijiet ta' thaffir fl-istess fond". Meta accedejt fl-1994 ma niftakarx kienx hemm ir-Restaurant jew le.* (fol. 177/178).

Illi jinghad li dwar l-istess il-Perit Tekniku Valerio Schembri dwar dawn ir-rapporti nnota li f'paragrafu 08 tar-relazzjoni tieghu (fol. 43 tar-rapport u 459 tal-process) li ghalkemm skond ir-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi inghad li l-blokka tal-atturi nbniet fis-sena 1981, kien biss fis-sena 1994 meta l-blokka ta' tlett sulari kontigwa ghal dik tal-atturi kienet ghadha ta' tlett sulari li nnota konsenturi fil-bini; jirrileva wkoll li ghalkemm sussegwentement twaqqghu zewg sulari ta' fuq tal-blokk kontigwu, u ghalhekk kien hemm rinforz anqas, il-movimenti zdiedu xi ftit u kien hemm konsenturi godda *"pero mhux affarijiet kbar"* u minn dan l-istess perit tekniku ikkonkluda li *"Jsegwi ghaldaqstant ……….li t-tezi tal-Perit ta' l-atturi timmilita verso d-direzzjoni illi t-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu jekk se mai affetwa il-blokka bl-isem "Escurial" ghamlu dan b'mod minimu ghaliex il-hsara kienet hemm qabel ma' twaqqghu l-istess sulari"* (para.09 – fol. 44 (fol. 460).

Illi huwa sinfikanti li mix-xhieda tal-atturi u senjatament ta' Joseph Agius jirrizulta li l-blokka biswit il-*flats* tal-atturi bdiet tinhatt fis-sena 1996.

Illi dwar dan il-Perit Valerio Schembri sostna hekk:-

*"Perit Ronald Muscat Azzopardi (ex parte ghal l-atturi) u anke mid-dokumenti esebiti mill-abbli kollega, jigi allegat illi l-hsarat fil-blokka ta' l-atturi zdiedu minn mindu twaqqghu iz-zewg sulari sovrastanti ghall-garage formanti parti mill-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial; pero skond l-istess Perit Muscat Azzpardi dawn "mhux affarijiet kbar". Fix-xhieda tieghu s-Sur Raymond Fenech direttur tas-socjetajjiet konvenuti Easysell Properties Ltd. u Qormi Construction Ltd., jghid li wara li sar ix-xoghol fuq is-sit ta' l-Oriana inkluz it-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti ghall-garage formanti parti mill-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial, il-*

*konsenturi ma' zdiedux u jallega in oltre illi l-konsenturi kibru meta sar ix-xoghol ta' eskavazzjoni fil-basement tar-ristorant sottostanti ghall-blokka attrici. Minn naha tieghu l-Perit Ray Demicoli jixhed ripetutament u jghid li l-hsarat riskonstrati fil-blokka attrici tfaccaw meta originalrjament thammel il-car park. Il-Perit Demicoli jirrileva wkoll illi meta sussegwentement tela l-bini kontigwu fuq ix-xellug tal-blokka Escurial, l-konsenturi baqghu l-istess anke meta twaqqghu z-zewg sulari sovrastanti ghall-garage formanti parti minn dan il-bini kontigwu. Fid-dawl tas-suespost u tan-nuqqas ta' provi teknici, bhal nghidu ahna rizultanzi ta' monitoring tal-konsenturi minn naha ta' l-atturi tul iz-zmienijiet mertu tal-kawza, l-esponent umilment ihoss illi t-tezi attrici li l-hsarat gew minnhom hekk sofferti wara t-twaqqiegh tal-fond konfinanti mal-korp ta' appartamenti maghruf bhal "Escurial Flats ma' gietx pruvata teknikament".*

Illi jirrizulta li sabiex wasal ghal din il-konkluzzjoni ha in konsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotta mill-partijiet u wkoll il-konstatatazzjonijiet li ghamel waqt l-accessi mizmuma minnu u ghalhekk tenut kont li din hija konkluzjoni ta' natura teknika, din il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuqha.

Illi din il-Qorti ezaminat ukoll id-domandi li saru in eskussjoni u n-nota ta' kritika li saret mill-atturi datata 5 ta' April 2010 (fol. 503) fejn l-istess atturi qed isostnu li r-rapport tal-perit tekniku ghandu jigi skartat ghaliex qed isostnu li skond ix-xhieda minnhom prodotta l-hsara sehhet meta l-bini kontigwi ghal dak tal-atturi, konsistenti tali bini fi tlett sulari tnehha tant li inghad li llum hemm sular bil-garage biss u hawn giet citata xhieda tal-atturi Antonia Cutajar, Alex Cilia u Joe Agius. Dan l-ahhar xhud jispjega li li x-xoghol ta' skavar beda f'Marzu 1995 u l-blokka twaqqghet f'Marzu 1996 u mela allura jirrizulta li l-atturi f'dan l-istadju tal-kawza kienu qed jattribwixxu l-hsarat li allegatament saru fil-fond taghhom ghal dan l-avveniment.

Illi izda dan huwa kontradett mix-xhieda tal-konvenuti, nkluz tal-Perit Raymond Demicoli li sostna li minkejja li

saru l-istess xogholijiet kien hemm *"buttressing bizzejjed bil-kumplament tal-bini li kien fadal"* jidher li l-konkluzjoni numru 6 tal-Perit Tekniku hija proprju bbazata fuq il-fatt li l-atturi ma ppruvawx teknikament minn fejn u kif originat il-hsara minnhom allegata, u dan iktar u iktar in vista tal-konsiderazzjonijiet u konstatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku li ghalihom din il-Qorti terga taghmel riferenza. Dan huwa sinifikanti meta jidher li l-azzjoni attrici kienet mibdija fuq premessi ferm differenti tant li jirrizulta li dak li l-atturi kien qed jilmentaw dwaru meta saret il-kawza ma kienux ix-xoghol li sar fuq il-bini kontigwu ghal dak attrici, izda ghal xoghol ta' skavar u bini iehor li kien sar fejn illum hemm hotel, li huwa kontigwu ghall-bini li jmiss mal-blokka attrici, u li fil-fatt fir-rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi (Dok. "A" – datat 21 ta' Novembru 1994) jirreferi ghalih ghall-bini li kien sar ma *"dak il-genb qabel is-sena 1992").* Fir-rapport tieghu datat 14 ta' Gunju 2001 l-istess perit jghid li l-blokka tal-atturi nbniet fis-sena 1981 u li l-bini tal-fond kintigwu sar fin-1994 u sar thaffir ta' tlett sulari u kien *'at this stage movement cracks had appeared in the building'* u fil-fatt jattribwixxi xi kunsenturi ghall *"deep excavations near this wall during the construction of the hotel"* (fol. 161). Mela allura skond l-istess perit prodott mill-atturi jidher li hemm konflitt fir-rapporti tieghu ta' kif saret l-istess allegata hsara.

Illi mhux hekk biss, izda l-azzjoni attrici jidher li hija bbazata fuq l-istess rapport tal-Perit Muscat Azzopardi esebit bhala Dok. "A", u dan huwa ferm differenti minn dak li issa qed isostnu l-atturi fin-nota ta' kritika taghhom prezentata wara r-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri u anke fuq din il-bazi din il-Qorti thoss li ma tistax hlief tasal ghal konkluzjoni li l-atturi ma ssodisfawx l-oneru tal-prova impost fuqhom fil-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

Illi dan huwa konsistenti wkoll ma` dak li l-perit tekniku irrelata f'paragrafu 08 u 09 tar-relazzjoni tieghu (fol. 459 u 460). L-inkonsistenza tax-xhieda attrici tidher ukoll mill-fatt li mix-xhieda ta' Joseph Agius datata 19 ta' Settembru 2001 (riporatata f'paragrafu 13 tar-relazzjoni – fol. 462) jirrizulta li l-ilment tieghu ma kienx dwar ix-xoghlijiet

imsemmija fir-rapport peritali anness mac-citazzjoni attrici (Dok. “A”) li jirreferi ghall bini li sar fin-1994, izda xoghol li sar fil-bini kontigwu ta’ tlett sulari fil-2001. Mela allura din il-Qorti tikkonferma li t-tezi attrici stess ma hijiex konsistenti lanqas maghha nnfisha u ghalhekk ukoll l-espert tekniku wassal ghal konkluzzjonijiet tieghu ndikati fl-istess rapport tekniku.

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-Perit Ray Demicoli li spjega meta sar it-thaffir fil-post fejn telghet il-Hotel Oriana u kien wara diversi snin li kien sar imbaghad it-tibdil fil-blokka tal-bini biswit li kienet tifred il-blokka attrici, izda huwa hass li bit-tibdil li kien ser issir ma kienx ser ikun hemm effett fuq l-istess blokka u fil-verita’ dan huwa konfermat mir-rapport tal-Perit Muscat Azzopardi imqabbad mill-atturi, u dan anke fil-bran citat minnu aktar il-fuq f’din id-decizjoni. Hawn issir riferenza wkoll ghal dak li inghad mill-Perit Tekniku Valerio Schembri f’paragrafu 24 tar-relazzzjoni tieghu u cjoe’:-

*“24. Fic-cirkostanzi l-esponent ihoss illi hawn ghandha ssir parentesi teknika fis-sens illi s-sottoskritt umilment jaqbel ma’ l-ispjegazzjoni li ta’ l-abbli kollega l-Perit Ray Demicoli fis-sens li ma’ kienx jenhtieg l-gholi ta’ tlett sulari sabiex taghmel tajjeb ghal l-allegat caqliq u konsenturi li zviluppaw meta nixef it-tafal galadarba gie espost a kawza tat-tahmil meta kienet qed issir il-car park. Ir-ragunament tal-Perit Demicoli jaghmel sens mill-lat strutturali, u huwa sahansitra kkonfermat ukoll minn dak li kien xehed l-abbli kollega l-Perit Ronald Muscat Azzopardi ghal l-atturi meta jghid li differenza fil-konsenturi kkonstatati fl-Escurial Flats bejn meta l-blokka kontigwa kellha gholi ta’ tlett sulari ghal meta tnehhew iz-zewg sulari sovrastanti, ftit kien hemm”.*

Illi f’dan il-kuntest hija sinfikanti l-mistoqsija numru 3 li saret in eskussjoni fejn l-atturi sostnew li huma qed jibbazzaw il-kawza tagghom, skond huma *“kif jidher mic-citazzjoni, ukoll fuq il-fatt illi l-blokka Escurial inbena b’mod illi jekk il-fond kontigwu jitnehha jew jitwaqqa’ huwa jsofri hsara, kif fil-fatt qed jigri”.* Allura staqsew lill-perit tekniku jekk jikkonfermax illi ma investigax din l-

allegazzjoni li hija wahda miz-zewgt punti tac-citazzjoni attrici.

Illi dwar dan l-istess perit tekniku irrisponda hekk:-

*"Bir-rispett il-fond kontigwu nbena wara l-blokk Escorial b'hekk l-ewwel parti mistoqsija bir-rispett ma' tregix. Bir-rispett l-Escurial nbena ghalih wahdu, kien wara li sar it-thammil biswit tieghu li gie deciz li jsir il-bini kontigwa. Ghaldaqstant il-punt principali li qed jissemma f'din id-domanda kien monk mill-bidu li sar anke fic-citazzjoni attrici stess".* Ma dan jizdied dak li inghad fin-nota responsiva datata 10 ta' Mejju 2010 tal-Perit Raymond Demicoli fuq dan il-punt (fol. 522 *et sequitur)* u dawk kontenuti fin-nota ta' sottiomissjonijiet tas-socjetajiet konvenuti The Qormi Construction Co. Ltd. U Easysell Caterers Limited u Easysell Properties Limited tal-1 ta' Gunju 2001 (fol. 530 *et sequitur)* fuq dan il-punt u partikolarment dak indikat fit-2 sal-5 pagna (fol. 531 sa fol. 533) tal-istess. Din il-Qorti thoss li fid-dawl ta' dan kull kumment iehor ikun superflu u ghalhekk f'dan l-isfond il-Qorti ma tistax hlief taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, nkluz id-dokumenti esebiti, ma tistax hlief tasal ghall-istess konkluzjoni u allura t-talbiet attrici qed jigu michuda.

Illi din il-konkluzjoni hija assodata fuq dak li gie ritenut anke fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fejn inghad li l-principju li ghandu jigi applikat bhala norma u dak li gja gie uzat diversi drabi minn din il-Qorti nkluz fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li:-

*"Ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni*

*teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-Perit Tekniku ma jistghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".* Ovvjament f'dan il-kaz hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rapport tekniku tal-Perit Valerio Schmebri huwa ben motivat u fuq kollox indipendenti w integrali u ghalhekk ghandu jigi sewgit.

Illi ma` dan ikompli jizdied dak li nghad fis-sentenza **"Victoria Sacco vs Emanuel Sacco"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Mejju 2005) fejn inghad li bhal dan il-kaz jirrizulta mill-atti li minkejja l-inisistenza tal-atturi fuq il-punti teknici minnhom sollevati waqt il-kawza u t-trattazzjoni, u wara l-prezentata tar-rapport tekniku huma ma nsistewx lanqas fuq in-nomina ta' periti perizjuri u din il-Qorti thoss li anke abbazi ta' diversi nsenjamenti ta' dawn il-Qrati f'materji ta' perizji teknici, din il-Qorti thoss li fl-interess tal-gustizzja u ta' l-istess partijiet hija ghandha ssegwi l-konkluzjoni ta' l-espert tekniku inkarigat minnha, anke minhabba li l-istess atturi lanqas ghazlu li juzaw rimedju moghti lilhom mill-ligi f'kazi fejn parti ma taqbilx ma' relazzjoni teknika.

Illi dan iwassal sabiex it-talbiet attrici jigu respinti ghar-ragunijiet gja moghtija, izda jinghad ukoll li huwa kkontestat li l-hsarat li lmentaw minnhom l-atturi jirrizulta li

minn access li nzamm mill-perit tekniku fit-8 ta' Frar 2007 gew rimedjati minn certu Richard Cuschieri f'Novembru 2005 u peress li l-perit tekniku ikkonstatata li sa dak in-nhar tal-access ir-riparazzjonijiet kienu ghadhom intatti, il-Perit Tekniku astjena ghal din ir-raguni wkoll milli jirrelata fuq it-tieni u t-tielet domanda attrici, u allura fid-dawl ta' dawn ir-riparazzjonijiet jidher li l-atturi lanqas ghamlu l-prova ta' danni jew il-misura tal-istess, jekk mhux ukoll in-nuqqas ta' interess guridiku.

Illi qabel ma taghlaq pero' din il-Qorti thoss li ghandha ghall-kompletezza  necessarjament tittratta eccezzjonijiet ohra u tibda dak fil-kuntest tas-socjeta' konvenuta Easysell Caterers Ltd., li jirizulta li anke skond ix-xhieda tal-Perit Ray Demicoli, li kien inkarigat mill-bini tal-Oriana Hotel, jidher illi din is-socjeta ma kinitx involuta fix-xoghol ta' tahmil u kostruzzjoni li sar fuq il-lukanda Oriana u lanqas fit-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial propjeta ta' l-atturi.  Mix-xhieda tas-Sur Raymond Fenech, wiehed mid-diretturi ta' l-istess socjeta Easysell Caterers Ltd., jirrizulta li din is-socjeta kienet inkarigata mill-operat ta' lukanda jew kumpless turistiku wara li tlestew ix-xogholijiet fuq l-istess u ghalhekk din is-socjeta' qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fir-rigward tal-konvenut Perit Michael Attard, mill-provi jirrizulta li dan kien il-Perit li taht is-supervizjoni tieghu nbniet il-blokka ta' appartamenti ta' l-atturi u cioe "Escurial *Flats*", fi Triq l-Ibhra, Bugibba. Jidher illi ghajr ghal xi konsentura zghira, l-binja in kwistjoni kienet sana u salva sakemm ma nbediex it-tahmil tal-*car park* fuq is-sit fejn illum hemm l-Oriana Hotel fl-1987. Jirrizulta in oltre illi l-istess abbli kollega la kien involut fit-tahmil tal-*car park* u wisq anqas fix-xogholijiet ta' tahmil u kostruzzjoni tal-lukanda Oriana jew fit-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial propjeta ta' l-atturi, u ghalhekk anke l-istess Perit qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi ghal dak li jikkoncerna s-socjeta` kjamata in kawza Balllut Blocks Limited jidher li din ghamlet xoghol ta' *piling*

u thaffir ghall-*basement* ta' gholi ta' cirka sular l-isfel mill-livell tat-triq ghal-lukanda Oriana. Jirrizulta mill-konkluzjonijiet tal-perit tekniku li x-xogholijiet esegwiti mill-istess socjeta' saru ferm il-boghod mill-blokka Escurial u ma jezistu l-ebda provi teknici in atti li jattribwixxu hsarat fl-istess blokka proprjeta` tal-atturi ghall-operat ta' din is-socjeta` kjamata in kawza. Jigi rrilevat in oltre illi s-socjeta` Ballut Blocks Limited ma kinitx involuta fit-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial propjeta ta' l-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta' kjamata fil-kawza qed jigu michuda.

Illi fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza **Structural Builders Ltd.**, skond ma xehed il-Perit Ray Demicoli li kien inkarigat mill-bini ta' l-Oriana Hotel, din is-socejta ma jidhirx li hadmet fuq il-bini ta' l-istess lukanda. Ma jirrizultaw l-ebda provi ohrajn dwar l-involviment *o meno* tal-istess socjeta` kjamata in kawza, kemm fi kwalunkwe xogholijiet li saru fuq is-sit tal-Oriana Hotel u lanqas fit-twaqqiegh taz-zewg sulari sovrastanti tal-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial propjeta tal-atturi, u dan lanqas jidher li huwa b'xi mod kontestat u ghalhekk din is-socjeta' qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar is-socjeta' konvenuta Easysell Properties Limited li kienet il-propjetarja tas-sit fejn illum hemm l-Oriana Hotel, is-socjeta` konvenuta Qormi Construction Ltd. esegwiet ix-xoghol propju taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-konvenut l-iehor il-Perit Ray Demicoli. Jirrizulta car u manifest mill-provi prodotti illi d-decizjoni li jekk jitwaqqghu iz-zewg sulari sovrastanti ghall-garage formanti parti mill-bini kontigwu fuq in-naha tax-xellug tal-blokka Escurial, dan mhux ser ikun ta' perikolu ghal l-istabbilita` tal-blokka proprjeta` ta' l-atturi, kienet tal-konvenut il-Perit Ray Demicoli u mizjuda din mar-rizultanzi u l-konsiderazzjonijiet dwar il-mertu kif fuq gja indikat, it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg socjetajiet konvenuti qed jigu respinti.

Illi jonqos li tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** sollevata fir-risposta ulterjuri tal-konvenuti Raymond Demicoli, The Qormi Construction Co. Ltd, Easysell Caterers Limited u Easysell Properties Limited u s-socjeta’ kjamata fil-kawza Ballut Blocks Limited u jidher li tali eccezzjoni ma hijex gustifikata ghaliex ix-xogholijiet lamentati li allegatament ikkawzaw hsara lil-atturi sehhew fin-1994 – u la darba l-azzjoni attrici saret fl-14 ta’ Novembru 1996 din l-eccezzjoni qed tigi michuda. Din l-eccezzjoni qed tigi kkunsidrata anke fid-dawl ta’ dak li sostnew il-periti fir-rapporti taghhom li kollha indikaw li t-thaffir sar fis-sena 1994 jew wara, u skond il-Perit Edwin Mintoff it-twaqqiegh ta’ xi sulari fil-fond adjacenti (mhux indikat fir-rapport Dok. “A” anness mac-citazzjoni attrici) sar fin-1996. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tac-citazzjoni attrici fil-konfront tal-attur Francis Micallef peress li b’nota datata 16 ta’ Jannar 2006 huwa ceda t-talbiet minnu maghmula fil-konfront tieghu, u filwaqt li tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** sollevata mill-konvenuti Raymond Demicoli, The Qormi Construction Co. Ltd, Easysell Caterers Limited u Easysell Properties Limited u s-socjeta’ kjamata fil-kawza Ballut Blocks Limited ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u fil-waqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut il-Perit Michael Attard, u The Qormi Construction Co. Ltd, Easysell Caterers Ltd., u Easysell Properties Limited, u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ kjamata in kawza Ballut Blocks Limited u tillibera l-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess konvenuti u tal-konvenut il-Perit Raymond Demicoli in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn premess, u wkoll tillibera lis-socjeta’ kjamata fil-kawza Structural Builders Limited li baqghet kontumaci mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet hawn decizi, **tichad it-talbiet attrici** fil-konfront

tal-konvenuti kollha u l-kjamati fil-kawza ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------